


IS-SALVAGWARDJA TAD-DRITTIJET DIĠITALI TAL-INDIVIDWI

SOMMARJU
EŻEKUTTIV





INTRODUZZJONI

Fl-2023 l-EDPB kompli jagħti interpretazzjonijiet komuni importanti tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data u dwar il-prinċipji legali ewlenin li jsawru x-xenarju diġitali. Il-Bord ħa ukoll sensiela ta' inizjattivi biex jagħti spinta lill-kooperazzjoni fl-infurzar, adotta opinjonijiet importanti dwar abbozz ta' leġiżlazzjoni u nieda Gwida għan-Negozji ż-Żgħar. F'Mejju 2023, Anu Talus ġiet eletta President tal-EDPB għal ħames snin, u ssuċċediet lil Andrea Jelinek, li kienet President mill-2018 sal-2023.

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (European Data Protection Board, EDPB) huwa korp Ewropew indipendenti li nħoloq bir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (General Data Protection Regulation, GDPR), bl-għan li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-protezzjoni tad-data fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE).

L-EDPB jinkludi l-Kapijiet tal-Awtoritajiet tal-UE għall-Protezzjoni tad-Data (Data Protection Authorities, DPS) u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (European Data Protection Supervisor, EDPS). Id-DPS tal-pajjiżi taż-ŻEE (l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja) huma wkoll membri tal-EDPB, għalkemm ma għandhomx id-dritt li jivvutaw. Il-Kummissjoni Ewropea u - fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-GDPR - l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles - għandhom id-dritt li jipparteċipaw fl-attivitajiet u fil-laqgħat tal-EDPB. L-EDPB huwa bbażat Brussell.

L-EDPB għandu Segretarjat, li huwa pprovdut mill-EDPS. It-termini tal-kooperazzjoni bejn l-EDPB u l-EDPS huma stabbiliti fil-Memorandum ta' Qbil.


PUNTI EWLENIN 2023

15 TA' MARZU

It-tnedija tal-Azzjoni ta' Infurzar Koordinata tal-2023, li tiffoka fuq il-ħatra u l-pożizzjoni tal-Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Data

22 TA' MEJJU

Multa ta' EUR 1,2 biljun lil Meta Ireland Limited maħruġa mid-DPA Irlandiża wara d-Deċiżjoni Vinkolanti 1/2023 tal-EDPB



28 TA' FRAR

L-Opinjoni 5/2023 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' adegwatezza rigward il-Qafas dwar il-Privatezza tad-Data bejn l-UE u l-Istati Uniti

27 TA' APRIL

It-tnedija tal-Gwida dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-EDPB għan-negozji ż-żgħar

25 TA' MEJJU

L-elezzjoni ta' Anu Talus bħala l-President il-ġdid u Irene Loizidou Nikolaidou bħala l-Viċi President il-ġdid

15 TA' SETTEMBRU

Multa ta' EUR 345 miljun lil TikTok Technology Limited maħruġa mid-DPA Irlandiża wara d-Deċiżjoni Vinkolanti 2/2023 tal-EDPB

27 TA' OTTUBRU

Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti 01/2023 li tagħti struzzjonijiet lid-DPA Irlandiża biex tieħu, fi żmien ġimagħtejn, miżuri finali fir-rigward ta' Meta Ireland Limited

19 TA' SETTEMBRU

Opinjoni konġunta tal-EDPB/EDPS dwar Proposta għal Regolament li jstabbilixxi regoli proċedurali addizzjonali relatati mal-infurzar tal-GDPR

12-13 TA' DIĊEMBRU

Il-kontribut għar-rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni tal-GDPR skont l-Artikolu 97

1. IS-SEGRETARJAT TAL-EDPB

Is-Segretarjat tal-EDPB jappoġġa lill-Bord fl-abbozzar ta' deċiżjonijiet vinkolanti u fid-difiża tal-EDPB fil-Qorti. Jikkontribwixxi wkoll għat-tnejn ta' dokumenti oħra tal-EDPB, bħal gwida u pariri legali dwar proposti leġiżlattivi ġodda. Jiddissemina l-ħidma lill-pubbliku, jiżgura relazzjonijiet mal-istampa għall-EDPB, u jappoġġa lill-President fir-rwol tagħha li tirrappreżenta lill-Bord.

Bħala azzjoni importanti ta' sensibilizzazzjoni fl-2023 is-Segretarjat tal-EDPB mexxa l-pubblikazzjoni tal-Gwida għall-Protezzjoni tad-Data għan-Negozji ż-Żgħira. Il-gwida hija inizjattiva ewlenija fl-Istrateġija 2021–2023 tal-EDPB. Dan għandu l-għan li jipprovi informazzjoni Prattika lill-SMEs dwar il-konformità mal-GDPR b'lingwa aċċessibbli u li tintfiehmed faċilment. Il-gwida tgħin biex titqajjem kuxjenza dwar il-GDPR fost l-SMEs u għandha l-għan li tiffaċilita l-konformità, permezz ta' filmati, dijagrammi sekwenzjali u suġġerimenti Prattiċi.

Is-Segretarjat tal-EDPB jiżviluppa u jmexxi l-għodod tal-IT tal-EDPB li jintużaw minn madwar 1500 membru tal-persunal tal-awtoritajiet superviżorji taż-ŻEE. Fl-2023 organizza aktar minn 360 laqgħa tal-EDPB, li matulhom il-membri jħejju d-dokumenti tal-EDPB immirati lejn applikazzjoni konsistenti tal-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data fl-Ewropa.

Is-Segretarjat tal-EDPB issa qed jipprovi wkoll is-segretarjat tal-Kumitat Superviżorju Koordinat, li jiżgura superviżjoni koordinata tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u tal-korpi u l-aġenziji tal-UE. Fl-2023, din l-attività estendiet għas-superviżjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, minbarra s-sistema tal-Europol, tal-UPPE, tal-Eurojust u ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI, Internal Market Information) li diġà kienu qed jaqgħu taħt il-qafas tal-attivitajiet tal-EDPB.

Hekk kif il-volum u l-kumplessità tal-kompiti tal-EDPB żdiedu b'mod sostanzjali, ir-rwol tas-Segretarjat tal-EDPB evolva wkoll. Wara l-bidliet li saru fil-bidu tal-2023, issa s-Segretarjat tal-EDPB huwa magħmul minn ħames setturi. Dan it-titjib strutturali kien meħtieġ biex jiġi indirizzat l-ammont ta' xogħol tal-EDPB, li dejjem qed jiżdied.

2. IL-BORD EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA - ATTIVITAJIET FL-2023

L-għan tal-EDPB huwa li jiżgura applikazzjoni u infurzar konsistenti tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha, iż-ŻEE.

Għal dan l-għan, l-EDPB jadotta deċiżjonijiet vinkolanti biex isolvi tilwim dwar l-infurzar tal-GDPR, joħroġ gwida biex jiċċara u jipromwovi l-konformità tal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, u jadotta opinjonijiet biex jiżgura l-konsistenza tal-attivitajiet tad-DPA's jew biex jagħti pariri lill-Kummissjoni Ewropea dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-protezzjoni tad-data personali.

Fl-2023, l-EDPB adotta żewġ deċiżjonijiet vinkolanti u deċiżjoni vinkolanti urġenti waħda.

Barra minn hekk, l-EDPB ħareġ żewġ linji gwida ġodda, dwar is-suġġetti tal-Artikolu 37 tad-Direttiva dwar l-infurzar tal-liġi u dwar il-kamp ta' applikazzjoni tekniku tal-Artikolu 5 (3) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

L-EDPB adotta 37 opinjoni ta' konsistenza (l-Artikolu 64 tal-GDPR) - l-abbozzar ta' 10 opinjonijiet minnhom tmexxa bis-Segretarjat tal-EDPB, u kkontribwixxa għal 14 oħra. Dawn l-opinjonijiet kienu jikkonċernaw prinċipalment id-deċiżjonijiet dwar ir-Regoli Korporattivi Vinkolanti u l-abbozzi tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni ta' korp ta' ċertifikazzjoni jew ta' korp ta' monitoraġġ tal-kodiċi ta' kondotta.

L-EDPB adotta wkoll żewġ opinjonijiet leġiżlattivi, b'mod konġunt mal-EDPS.

Ir-rapport Annwali tal-2023 jinkludi lista sħiħa tad-dokumenti kollha ta' gwida, konsistenza u leġiżlazzjoni u jiddiskuti xi wħud minn dawn f'aktar dettall.

2.1. DEĊIŻJONI VINKOLANTI

Deċiżjoni Vinkolanti 1/2023 dwar it-tilwima ppreżentata mill-SA Irlandiża dwar it-trasferimenti ta' data minn Meta Platforms Ireland Limited għas-servizz tagħha ta' Facebook (l-Artikolu 65 tal-GDPR)

F'April 2023, l-EDPB solva tilwima dwar it-trasferimenti tad-data minn Meta Platforms Ireland Limited (Meta IE) fid-Deċiżjoni Vinkolanti tiegħu 1/2023.

Wara din id-deċiżjoni vinkolanti, Meta IE nħarġitilha multa ta' EUR1,2 biljun mill-Awtorità Irlandiża għall-Protezzjoni tad-Data (id-DPA Irlandiża). Din il-multa ġiet imposta għat-trasferimenti ta' data personali mingħand Meta lejn l-Istati Uniti abbażi ta' klawnsoli kuntrattwali standard (standard contractual clause, SCCs) mis-16 ta' Lulju 2020. Barra minn hekk, Meta IE ġiet ordnata tikkonforma t-trasferimenti tad-data mal-GDPR.

Deċiżjoni Vinkolanti 2/2023 dwar it-tilwima ppreżentata mill-SA Irlandiża dwar TikTok Technology Limited (Art. 65 GDPR)

F'Awwissu 2023, l-EDPB solva tilwima dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tad-DPA Irlandiża dwar l-ipproċessar ta' data personali tal-utenti bejn l-età ta' 13 u 17 minn TikTok Technology Limited (TikTok IE). Fid-Deċiżjoni Vinkolanti 2/2023, l-EDPB analizza l-prattiki tad-disinn implimentati minn TikTok fil-kuntest ta' żewġ notifikki pop-up li ntwerew lit-tfal ta' bejn it-13 u s-17-il sena:

il-Pop-Up tar-Reġistrazzjoni u l-Pop-Up tal-Ippostjar tal-Vidjow. L-analiżi sabet li ż-żewġ pop-ups naqsu milli jippreżentaw għażliet lill-utent b'mod oġġettiv u newtrali.

Fis-segwitu tad-deċiżjoni vinkolanti, id-DPA tal-Irlanda ħarġet deċiżjoni finali fejn, b'mod partikolari, sabet li TikTok IE kiser il-prinċipju dwar l-ekwità tal-GDPR fl-ipproċessar ta' data personali dwar tfal bejn it-13 u s-17 u imponiet twissija, ordni ta' konformità u multa ta' EUR345 miljun.

Deċiżjoni Vinkolanti Urġenti 01/2023 mitluba mill-SA Norveġiża għall-ordni ta' miżuri finali rigward Meta Platforms Ireland Ltd (l-Artikolu 66 (2) tal-GDPR)

Wara d-deċiżjoni vinkolanti urġenti 01/2023 tal-EDPB tas-27 ta' Ottubru 2023, id-DPA Irlandiża imponiet projbizzjoni fuq Meta IE għall-ipproċessar ta' data personali għal skopijiet ta' reklamar ibbażat fuq l-imġiba abbażi ta' kuntratt u interess leġittimu. Id-Deċiżjoni vinkolanti urġenti tal-EDPB segwiet talba mill-Awtorità Norveġiża għall-Protezzjoni tad-Data biex tordna miżuri finali li jkollhom effett fiż-ŻEE kollha.

2.2. GVIDA ĠENERALI

Fl-2023, l-EDPB adotta żewġ linji gwida ġodda, kif ukoll disa' linji gwida wara konsultazzjoni pubblika. Ir-rapport Annwali tal-2023 jiddiskuti żewġ settijiet notevoli ta' gwida f'aktar dettall.

Fl-14 ta' Frar 2023 l-EDPB adotta l-Linji Gwida 03/2022 dwar xejriet qarrieqa tad-disinn fil-pjattaformi tal-media soċjali wara konsultazzjoni pubblika. L-għan tagħhom huwa li jstabbilixxu rakkomandazzjonijiet prattiċi u gwida għall-fornituri tal-media soċjali bħala kontrolluri tal-midja soċjali, disinjaturi u utenti tal-pjattaformi tal-midja soċjali, dwar kif jivvalutaw u jevitaw xejriet ta' disinn qarrieqa fl-interfaċċi tal-midja soċjali.

L-eżistenza ta' tali mudelli spiss twassal lill-utenti biex jieħdu deċiżjonijiet mhux intenzjonati, mhux lesti, u/jew potenzjalment dannużi dwar l-ipproċessar tad-data personali tagħhom. Il-linji gwida jipprovdu lista mhux eżawrjenti ta' xejriet ta' disinn qarrieqi matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' kont tal-media soċjali (jiġifieri mill-istadju tar-reġistrazzjoni sal-għeluq ta' kont tal-media soċjali) kif ukoll jelaboraw dwar l-aħjar prattiki fi tmiem kull każ ta' użu.

Permezz tal-Linji Gwida tiegħu 05/22 dwar l-użu tat-teknoloġija tar-rikonnoxximent tal-wiċċ (FRT) fil-qasam tal-infurzar tal-liġi, l-EDPB jikkontribwixxi għall-integrazzjoni kontinwa tal-FRT fil-qasam tal-infurzar tal-liġi kopert mid-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-liġijiet nazzjonali li jitrassponuha. Il-linji gwida jipprovdu informazzjoni rilevanti lil dawk li jfasslu l-liġijiet fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, kif ukoll għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi (LEAs, law enforcement authorities) meta jimplementaw u jużaw is-sistemi tal-FRT. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida huwa limitat għall-FRT. Madankollu, forom oħra ta' pproċessar ta' data personali bbażati fuq il-bijometrika mil-LEAs, speċjalment jekk ipproċessata mill-bogħod, jistgħu jinvolvu riskji simili jew addizzjonali għall-individwi, il-gruppi u s-soċjetà.

2.3. KONSULTAZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet leġiżlattivi mitluba mill-Kummissjoni Ewropea, l-EDPB jadotta opinjonijiet dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data fl-UE. L-opinjonijiet leġiżlattivi jistgħu jiġu adottati biss mill-EDPB jew b'mod konġunt mal-EDPS. Ir-rapport annwali fih il-lista sħiħa tal-parir leġiżlattiv adottat.

Riżultat notevoli tal-isforzi tal-EDPB fl-2023, li huwa diskuss f'aktar dettall fir-rapport, huwa l-Opinjoni Konġunta 01/2023 tiegħu mal-EDPS dwar il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi regoli proċedurali

addizzjonali relatati mal-infurzar tar-Regolament (UE) 2016/679. Din l-inizjattiva leġiżlattiva ssegwi l-lista ta' xewqat tal-EDPB għall-2022.

3. KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI

L-EDPB għamel il-ħames stħarriġ annwali bħala parti mir-rieżami tiegħu tal-attivitajiet skont l-Artikolu 71(2) tal-GDPR. L-istħarriġ iffoka fuq il-ħidma u l-output tal-EDPB matul is-sena, b'mod partikolari l-linji gwida, l-opinjonijiet konġunti, u l-ħidma ta' konsultazzjoni tiegħu. Dan twettaq bil-ħsieb li tiġi ddeterminata l-utilità tal-gwida tiegħu għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR, u jiġu identifikati oqsma li fihom jista' jingħata appoġġ aħjar lill-organizzazzjonijiet u lill-individwi fin-navigazzjoni tal-qafas tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data. Fost il-partijiet ikkonċernati ewlenin mistħarrġa kien hemm akkademiċi fil-qasam tal-protezzjoni tad-data u d-drittijiet tal-privatezza, professjonisti tan-negozju u membri ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi.

B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati mistħarrġa pprovde feedback pożittiv dwar il-linji gwida tal-EDPB u nnotaw li dawn joffru valur prattiku għoli billi jipprovdu kuntest għal regolamenti kumplessi b'mod komprensiv. Il-partijiet ikkonċernati jiddependu kontinwament fuq firxa wiesgħa ta' linji gwida minħabba l-għoti ta' eżempji illustrati sew li jinftiehm, anke fejn il-qasam primarju tal-partijiet ikkonċernati mhuwiex il-protezzjoni tad-data. Biex il-linji gwida jkomplu jittejjbu, ingħata feedback kostruttiv biex jiġu introdotti viżwalizzazzjonijiet bħal vidjos biex tiġi pprovduta aktar ċarezza dwar taqsimiet aktar tekniċi tal-linji gwida.

4. KOOPERAZZJONI FL-INFURZAR U INFURZAR MID-DPAS

Id-DPAs nazzjonali huma awtoritajiet pubbliċi indipendenti li jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti tal-liġi tal-protezzjoni tad-data. Huma għandhom rwol ewlieni biex jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-protezzjoni tad-data tal-individwi, permezz tal-kooperazzjoni u l-eżerċitar ta' setgħat korrettivi. L-EDPB iwettaq għadd ta' inizjattivi biex jipromwovi l-kooperazzjoni dwar l-infurzar fost id-DPAs.

4.1. ATTIVITAJIET TAL-EDPB GĦALL-APPOĠĠ TAL-INFURZAR

Għall-azzjoni ta' Infurzar Koordinata tiegħu tal-2023, l-EDPB għażel "id-Deżinjazzjoni u l-Pożizzjoni tal-Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Data". Matul l-2023, 25 DPA madwar iż-ŻEE wettqu investigazzjonijiet koordinati u kkuntattjaw diversi organizzazzjonijiet, kif ukoll UPD individwali, u rċewew aktar minn 17,000 tweġiba. Id-DPAs ikkonsolidaw is-sejbiet tagħhom f'rapporti nazzjonali, li mbagħad ġew ikkombinati biex jipproduċu rapport tal-EDPB, li jelenka l-ostakli li d-DPOs qed iħabbtu wiċċhom magħhom bħalissa, flimkien ma' sensiela ta' rakkomandazzjonijiet biex ikomplu jsaħħu r-rwol tagħhom. Ir-rapport iħeġġeġ lid-DPAs iwettqu aktar attivitajiet u organizzazzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni biex jiżguraw li d-DPOs ikollhom biżżejjed opportunitajiet.

Barra minn hekk, il-Grupp ta' Esperti ta' Appoġġ (SPE, Support Pool of Experts) jgħin lid-DPAs iżidu l-kapaċità tagħhom li jissorveljaw u jinfurzaw is-salvagwardja tad-data personali. L-SPE jipprovdi appoġġ fil-forma ta' għarfien espert għal investigazzjonijiet u attivitajiet ta' infurzar ta' interess komuni għad-DPAs u ssaħħaħ il-kooperazzjoni/is-solidarjetà billi ssaħħaħ u tikkomplementa l-punti b'saħħithom tad-DPAs individwali u tindirizza l-ħtiġijiet operazzjonali. Sa issa tnedew total ta' 13-il

proġett, li wħud minnhom huma dwar kwistjonijiet relatati mal-IA.

F'Ġunju 2023, l-EDPB organizza boot camp fuq l-ispezzjonijiet tas-sit web u stieden diversi esperti tad-DPA jipparteċipaw. Dan l-avveniment kien okkażjoni tajba biex tintuża u tiġi diskussa l-għodda l-ġdida tal-awditjar tas-sit web tal-EDPB żviluppata fil-qafas tal-SPE, u li issa hija ppubblikata bħala kodiċi b'sors miftuħ fuq code.europa.eu.

Għat-tieni darba, l-EDPB ikkummissjona sinteżi legali tematika tal-każijiet, dwar is-sigurtà tal-ipproċessar u n-notifika dwar ksur ta' data bħala parti mill-inizjattiva tal-SPE. Is-sinteżi legali tal-każijiet huma ħarsiet ġenerali tad-deċiżjonijiet adottati skont il-proċedura ta' punt uniku ta' servizz dwar suġġett partikolari. L-għan ta' dawn is-sommarji huwa li jagħtu lid-DPAs u lill-pubbliku ġenerali, inklużi l-professjonisti tal-privatezza, għarfien dwar id-deċiżjonijiet adottati mid-DPAs wara proċeduri ta' kooperazzjoni transfruntiera.

4.2. KOOPERAZZJONI U KONSISTENZA

Każ b'komponent transfruntier huwa rreġistrat f'bażi tad-data ċentrali permezz tal-IMI. B'kollox, 1023 proċedura relatati mal-Punt Uniku ta' Servizz (l-Artikolu 60 tal-GDPR) ġew skattati fl-2023, li minnhom kienu 442 Deċiżjoni Finali.

4.3. KAŻIJET NAZZJONALI B'EŻERĊIZZJU TA' SETGĦAT KORRETTIVI

Id-DPAs għandhom miżuri investigattivi, konsultattivi u korrettivi differenti għad-dispożizzjoni tagħhom biex jiżguraw li l-entitajiet fil-pajjiżi tagħhom japplikaw il-liġi dwar il-protezzjoni tad-data b'mod korrettu u konsistenti. Dawn il-miżuri korrettivi jinkludu l-impożizzjoni ta' limitazzjonijiet tal-ipproċessar, projbizzjonijiet jew multi.

Fl-2023, id-DPAs ħarġu b'mod konġunt aktar minn EUR 1,9 biljun f'multi. Il-Kapitolu 5 jinkludi analiżi dettaljata tal-multi li nħarġu fl-2023, kif ukoll lista mhux eżawrjenti ta' azzjonijiet ta' infurzar nazzjonali.

DETTALJI TA' KUNTATT

Indirizz postali

Rue Wiertz 60, B-1047 Brussell

Indirizz tal-uffiċċju

Rue Montoyer 30, B-1000 Brussell